MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 875/1997/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Renato Sacco u b'digriet tat-13 ta' Ottubru, 1997 giet kjamata fil-kawza Elizabeth Sacco**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Frar, 2002 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Rat l-avvizypprezentat mill-korporazzjoni attrici fit-30 t'April 1997 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrifondi lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' disa mija u tmienja u tletin lira (Lm938) rapprezentanti somma indebitament imhallsa lill-konvenut.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu,1996 u bl-interessi legali b'effett mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.*

*Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:*

*1. Illi, preliminarjament, il-gudizzju m'huwiex integru stante li l-konvenut huwa mizzewweg u l-azzjoni odjerna taffettwa l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu.*

*2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, u preliminarjament ukoll, l-avviz ma turix b'mod car u sewwa r-raguni u l-oggett tat-talba.*

*3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija preskritta bl-eghluq ta' sentejn ghat-tenur tal-artikolu 1027 Kodici Civili (Kap 16).*

*4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-meritu, t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li ma hu dovut ebda rifuzzjoni ta' xi somma kif indikat fl-avviz.*

*5. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez.*

*Semghet ix-xhieda bil-gurament.*

*Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi fit-tielet eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 1027 tal-Kap 16. Dan l-artikolu jippreskrivi terminu ta' sentejn ghall-azzjoni attrici.*

*Irrizulta illi l-ewwel darba illi l-korporazzjoni baghtet titlob xi rifuzzjoni ta' flus minghand il-konvenut kien b'ittra datata 23 t'Awissu 1994, fejn saret referenza ghal ftehim kollettiv*

*partikolarment ghall-artikolu 25 paragrafu 10 ta' dan il-ftehim, ghalhekk jekk il-Qorti tiehu din id-data 23 t'Awissu 1994 bhala l-ewwel darba li l-korporazzjoni saret taf b'dan l-ammont li kien dovut lilha, l-perjodu preskrittiv jista jibda ghaddej minn dakinhar.*

*Irrizulta wkoll illi saret ittra ufficjali datata 22 ta' Marzu,1996, liema ittra giet notifikata lill-konvenut fis-27 ta' Marzu,1996. B'din l-ittra bhala att gudizzjarju, gie nterrot il-perjodu preskrittiv illi reggha beda mill-gdid, ghalhekk meta giet ipprezentata din il-kawza fit-30 t'April 1997, it-terminu kien ghadu ghaddej favur is-socjeta' attrici u ghalhekk din l-eccezzjoni tisthoqq illi tkun michuda.*

*Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, irrizulta illi l-konvenut kien jahdem mal-korporazzjoni bhala steam plant operator. Fl-24 t'Awissu 1994 kien applika ghal sitt xhur leave without pay. Din it-talba giet milqugha, pero' gie mitlub li jirritorna lura ghax-xoghol fl-24 ta' Frar 1995, jekk ma jirritornax gie meqjus illi huwa rrezenja. Gara illi l-konvenut ma dahalx ghax-xoghol fid-data indikata u ghalhekk il-korporazzjoni kkunsidratu bhala illi rrezenja. Irrizulta pero' illi qabel dan iz-zmien, il-konvenut ha kien ha perjodu ta' sick leave, mill-25 ta' April 1994 sal-11 t'Awissu 1994. Minn dan il-perjodu l-konvenut ma baghatx ic-certifikati medici approvati mill-korporazzjoni hlief ghal tlettax-il gurnata. Kien ghalhekk illi l-korporazzjoni kitbet minn ta' l-inqas darbtejn lill-konvenut fejn avzatu bin-nuqqasijiet tieghu u wkoll talbitu biex jirrifondi xi flus illi huwa kien ircieva bhala paga meta ma kienx intitolat ghalihom.*

*Angelo Farrugia assistent kap tad-dipartiment tar-rizorsi umani fil-korporazzjoni xehed illi t-tobba approvati fil-Korporazzjoni Enemalta kienu l-MediCall Group u dawna baghtu hames certifikati biex jiggustifikaw l-assenza tal-konvenut. Barra minn hekk, il-konvenut baghat hames certifikati ohra tas-servizzi socjali liema certifikati ma kienux approvati mill-korporazzjoni.*

*Minkejja illi s-socjeta' attrici qieghdha titlob is-somma ta' disa mija tmienja u tletin lira (Lm938.00) wara ezercizzju li*

*sar minn Walter Gregory fil-mori ta' din il-kawza, nstabu xi certifikati ohra li kienu approvati mill-korporazzjoni, din ta' l-ahhar irrevediet l-ammont dovut u waslet ghal konkluzzjoni illi l-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta' seba mija erbgha u tmenin lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm784.77c) [fol 42].*

*Fix-xhieda tieghu l-konvenut spjega x-xoghol li kellu mal-korporazzjoni kif ukoll il-granet illi ha sick leave. Fost affarijiet ohra jghid "jiena naqbel illi hemm granet mhux koperti b'certifikat, la mit-tabib tieghi u lanqas mit-tabib tal-korporazzjoni". Fil-fatt irrizulta li mhux granet hemm, imma l-istess konvenut kien ammetta li hemm mill-inqas gimghatejn. Il-korporazzjoni esebiet prospett fejn iggustifikat it-talba taghha liema prospett huwa wiehed dettaljat u bhala cifra ma giex kontestat mill-konvenut, bhalma lanqas ma gie kontestat il-fatt li huwa baghat certifikati ta' tobba li ma kienux rikonoxxuti mill-korporazzjoni attrici.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-punt krucjali f'din il-kawza huwa l-interpretazzjoni illi ghandha tinghata lill-paragrafu 25 [10] tal-ftehim kollettiv, li kopja tieghu hemm esebit a fol 40 tal-process. Dan il-ftehim jorbot kemm lill-korporazzjoni u kemm lill-impjegati taghha u hemm il-modalita ta' kif ghandha tittiehed is-sick leave u x'certifikati ghandhom jintbaghtu f'dan ir-rigward. Is-sub artikolu 10 jghid testwalment "absence due to illness must be covered by a medical certificate issued by the doctor/s detailed by the corporation. If this procedure is not followed, the employee will be considered to absent himself without authorization and besides the deduction of the relative pay, the employee will also be liable to disciplinary action". Ma hemmx dubbju quindi illi t-tobba li jridu jintbaghtu sabiex jikkontrollaw l-impjegati jridu jkunu approvati mill-korporazzjoni. Skond Angelo Farrugia dawn it-tobba huma tal-group maghruf MediCall. Dan l-ahhar group ma giex konsultat mill-konvenut fid-diversi drabi illi ha sick leave u minflok baghat certifikati tas-servizzi socjali. Dawn l-ahhar certifikati skond il-paragrafu msemmi mhumiex rikonoxxuti mill-korporazzjoni u quindi*

*l-konvenut gie meqjus illi huwa assenta ruhu minghajr awtorizzazzjoni.*

*Is-sanzjoni ghal dan in-nuqqas huwa wkoll car u dana jirrifletti t-tnaqqis mis-salarju, kif ukoll passi dixxiplinari. Il-korporazzjoni attrici hadet dawn il-passi fil-konfront tal-konvenut billi qieset ir-rizenja tieghu u talbet it-tnaqqis tas-salarju ghal dak iz-zmien illi l-konvenut kien ha sick leave mhux kopert bic-certifikati approvati mill-korporazzjoni.*

*Fil-mori ta' din il-kawza gie spjegat il-modalita ta' kif dawn it-tobba jigu kuntattjati halli jmorru jinvistaw l-impjegati. Verament din il-modalita' ma tantx hija relevanti ghal din il-kawza. Jibqa' l-fatt illi kull sick leave ghandu jkun kopert b'certifikat mediku mahrug mit-tobba approvati mill-korporazzjoni. Kif dawn it-tobba jaslu biex johorgu dawn ic-certifikat mhuwiex kompitu ta' din il-Qorti, l-importanti huwa illi l-impjegat jipprova illi huwa kopert b'tali certifikat. F'dan il-kaz, il-konvenut ma wasalx biex jaghmel hekk fil-kazi kollha illi huwa kien ha sick leave u ghalhekk ghandu jbaghti l-konsegwenzi kif indikati fl-istess artikolu tal-ftehim kollettiv. Dan l-artikolu ma jaghti lok ghall-ebda nterpretazzjoni, l-kliem huwa car u ma jistax ikun hemm diskussjoni dwaru. Dan hu konformi mat-taghlim tad-dritt Ruman illi "expressum facit cessare tacitum".*

*Ghal dak li huwa ammont reklamat il-Qorti taghmel referenza ghal prospett a fol 42 liema ammont ma giex kontestat. Dan l-ammont ghalhekk jisthoqq li jkun konfermat u ghandu jigi mhallas mill-konvenut.*

*Ghal dawn il-motivi,*

*Il-Qorti taqta' u tiddeciedi, illi tilqa' t-talba tal-korporazzjoni attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jirrifondu lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' seba mija u erbgha u tmenin lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm784.77c) rapprezentanti somma indebitament imhallsa lilhom.*

*Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenuti."*

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza fit-termini tal-aggravji li jikkoncernaw:-

(a) l-interpretazzjoni ta’ l-Artikolu 25 (10) tal-Ftehim Kollettiv rigwardanti s-“SICK LEAVE”;
(b) l-applikazzjoni tan-normi ta’ l-azzjoni “indebiti solutio”;
(c) l-apprezzament tal-provi.

Fuq l-ewwel aggravju l-appellanti jsostnu illi s-subinciz (10) ghall-Artikolu 25 tal-Ftehim Kollettiv ma ghandux jigi interpretat izolatament mis-subincizi l-ohra izda ghandu jsir raffront maghhom ghar-ricerka ta’ l-interpretazzjoni l-aktar idonea (Art 1008 tal-Kodici Civili) . Huma jaqblu u jaccettaw ir-regola bazika ta’ l-interpretazzjoni li meta l-kliem tal-konvenzjoni huwa car l-interpreti ghandu joqghod ghal dawk il-kliem u mhux jirrikorri ghall-kongetturi. B’danakollu, jissenjalaw ukoll, illi l-kanoni ta’ l-ermenewtika kontrattwali, tramandati mill-guriskonsult Ruman <u>Paulus</u> u rakkolti mill-<u>Pothier</u>, jipprovdu wkoll illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma’ l-intenzjoni tal-partijiet kif tkun tidher cara mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dan il-kanone, kodifikat fl-Art 1003 tal-Kodici Civili, huwa ispirat u modellat fuq il-massima “non mens verbis sed verba menti servire debent” (“<u>**Dr. Joseph Vella Galea –vs- Joseph Vella**</u>”, Appell Civili, 1 ta’ Lulju 1985).

Fil-principju l-Qorti taqbel ma’ dan anke ghaliex ir-regoli astratti ta’ l-interpetazzjoni jridu jigu applikati skond il-fizjonomija diversa tal-fatti tal-kazijiet partikulari.

Dan stabbilit, il-Qorti pero’ ma taqbilx mal-veduta ta’ l-appellanti illi dan l-ilment, imqanqal minnhom, kellu jigi rigwardat mill-ottika tar-regoli ta’ l-interpretazzjoni daqskemm mill-punto di vista ta’ cirkostanzi gustifikatorji l-ghala l-impjegat ma ottemperax ruhu mal-kliem preciz tas-subinciz (10) ghall-Art. 25 tal-Ftehim Kollettiv li jrid li l-perijodu ta’ assenza mix-xoghol minhabba mard ikun

kopert minn certifikat mediku rilaxxjat mit-tobba tal-Korporazzjoni. Din hi evalwazzjoni ta’ fatt aktar milli ta’ interpretazzjoni. Biex jinghad kollox ukoll din il-Qorti tahseb li mhux talli mill-kumpless ta’ l-Artikolu 25, mehud “tout ensemble”, ma jurix intenzjoni diversa mill-kliem car tas-subinciz (10) imma, anzi, l-kumplament tal-klawsoli fis-subincizi l-ohra huma in armonija mieghu. Konfezzjonat kif inhu, anke jekk ta’ utilita’ ghall-aspetti ohra tal-kaz, dan l-ewwel aggravju qed jigi ghalhekk michud.

It-tieni aggravju jikkoncerna n-natura ta’ l-azzjoni de quo, li mit-termini tac-citazzjoni, tinkwadra ruhha fid-dispost ta’ l-Artikolu 1021 u l-Artikolu 1022 tal-Kap 16. Hi l-azzjoni “indebiti solutio” mahsuba biex “*kull min jircevi sew xjentement jew bi zball haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili u lanqas naturali ghandu jroddha lil dak li min ghandu jkun irceviha bla jedd*” (Art 1021). Inoltre “*kull min billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur*” (Art 1022).

L-estremi mehtiega mil-ligi u mid-duttrina ghall-ezercizzju ta’ din l-azzjoni, maghrufa wkoll bhala wahda ta’ ripetizzjoni ta’ indebitu, huma tlieta u cjoe:- (a) il-pagament; (b) id-difett ta’ kawza, ezempju mankanza jew inezistenza tad-debitu (“indebitus ex re”) jew mankanza tal-kwalita’ ta’ kreditur fl-“accipiens” jew ta’ dik tad-debitur fis-solvens (“indebitus ex personis”) u (c) l-errur fl-accipiens jew fis-solvens – “**Joseph Rossi –vs- Victor Cilia et**”, Prim’Awla Qorti Civili per Imhallef Maurice Caruana Curran, 11 ta’ Marzu 1970; **Vol XXXIX pII p543**.

Fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti l-appellanti sahaq ferm fuq it-tielet element ta’ din l-azzjoni u cjoe l-izball tas-solvens. Fir-rigward inghad dan fid-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell tat-8 ta’ Frar 1957 in re “**Alfred Tonna et –vs- Carmela Bugeja et**” (Vol XLI pI p76):

“*Mill-konfront ta’ l-Art 1064 u 1065 tal-Kodici Civili* (illum Art. 1021 u 1022) *jidher li min jircevi jista’ jaghmel hekk tant xjentement kemm bi zball izda min ihallas ghandu jkun bilfors fi zball, biex tista’ tikkompeti lilu l-azzjoni tar-*

*ripetizzjoni ta' dak li jkun hallas indebitament. Hu evidenti li l-fondament tal-azzjoni huwa l-izball f'min ikun hallas; liema zball ma ghandux japprofitta minnu min ikun ircieva l-hlas skond il-massima ta' gustizzja naturali "jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem" (De Regulis Juris, L. 206)*."

Din id-decizjoni pero' ma waqqfetx hawn. Gie aggunt, infatti illi "*jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-izball fis-solvens, u b'mod specjali jekk issir il-prova li dak is-solvens kien jaf bic-cirkostanzi li minhabba fihom hu ma kienx tenut ghal hlas, allura ma ghandux id-dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas, ghaliex "indebitum solutum sciens non recte repetit". F'dan il-kaz min ikun hallas ma jkollux ragun jilmenta, u "imputet sibi" jekk kellu xi dannu".*

Riportati dawn l-osservanzi dottrinali u gurisprudenzjali ghal kaz hawn ezaminat dak li jemergi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti hu li in kwantu jikkoncerna l-ewwel element – dak tal-pagament – dan huwa pacifiku u inkontestat bejn il-partijiet.

Dwar it-tieni element dan jikkonfigura, mill-fatti migjuba mill-Korporazzjoni appellata, fl-ipotesi ta' l-inezistenza tad-debitu jigifieri li dak li hallset ma kienx minnha dovut lill-konvenut.

Fuq dan l-aspett din il-Qorti ma tistax ma tissenjalax il-preokkupazzjoni taghha minn dak li evalwat mit-testimonjanzi u mill-provi l-ohra prodotti. Dan in kwantu jikkoncerna wkoll it-tielet aggravju li ser jigi ittrattat anke ghal motivi prattici f'dan l-istess kuntest.

Il-Korporazzjoni attrici tghid li hi ma kenitx tenuta thallas lill-konvenut in kwantu dan ma pproduciex certifikati medici approvati mit-tobba taghha hlief ghal xi granet (13 il-jum). Intant sa mill-bidunett tal-gbir tal-provi hi stess ghaddiet biex tirrevedi l-ammont originarjament mitlub minnha ghax skopriet certifikati ohra medici tat-tobba taghha. (xhud Walter Gregory, fol 16, fol 35 u fol 44). Minn dan il-fatt biss ma kellux a priori jkun eskluz li seta' kien hemm fir-records tal-Korporazzjoni certifikati medici

ohra mit-tobba approvati. Fil-verita' ma jidherx li dawn ir-records kienu qed jinzammu bi proprjeta' u kif suppost (Ara Dokument a fol 47). Dan pero' mhux bizzejjed. Kemm il-Ftehim Kollettiv kif ukoll ix-xhieda tal-istess Korporazzjoni jaffermaw illi obbligu primarju tal-impjegat hu dak li jinforma lill-imghallem dirett tieghu jew lil Personnel Section illi huwa kien qed jassentixxi ruhu minhabba mard. Kien jinkombi fuq il-Korporazzjoni li tinforma imbaghad lit-tobba taghha (Deposizzjoni ta' Angelo Farrugia, fol 33). "*L-impjegat ma ghandu l-ebda responsabilita' biex icempel it-tabib hu*" (Walter Gregory, fol 44 – 46). Oltre li tinforma, kien jinkombi wkoll fuq il-Korporazzjoni li tassikura li t-tobba taghha jottemperaw ruhhom u jivvizitaw lill-impjegat.

In-nuqqasijiet ta' min ihaddem ma ghandhomx intortament jippenalizzaw lill-impjegat, li del resto, b'certifikati ohra medici, anke jekk mhux tat-tobba approvati, iddemostra li effettivament fil-granet partikolari kien ma jiflahx. Mhux accettat li l-artikolu rilevanti tal-Ftehim Kollettiv jigi interpretat bhala xi domma assoluta li f'dati cirkostanzi ma ghandhiex tkun temprata mir-raguni u l-ghola sens ta' gustizzja. Wara kollox hu notorju li l-Korporazzjoni hija organizzazzjoni kbira u mhix immuni ghall-izbalji, nuqqasijiet u l-accidenti tal-hajja, kif ma humiex lanqas organizazzjonijiet u istituzzjonijiet ohra kbar u serji bhala. Naturalment il-Qorti waqt li bl-ebda mod ma trid tixhet ombra fuq l-efficjenza ta' l-ufficjali u impjegati ohra tal-Korporazzjoni, ma tarax ghaliex mill-provi cirkostanzjali jew indizzjarji ghandha tiskarta u twarrab il-"presumptio hominis vel facti". Dan fis-sens illi l-konvenut fil-fatt cempel li kien 'sick', li kien hemm perjodu li fih it-tobba tal-Korporazzjoni ma marrux, u li mhux eskluz li certifikati ohra mit-tobba approvati intbaghtu u baqghu ma gewx rintraccjati. (Ara Dok a fol 56)

Minn dan hawn fuq dedott ma jidhirx li jista' jinghad li f'dan il-kaz il-provi jinducu ghal dik ic-certezza morali li, kif jinghad, "*kull tribunal ghandu jfittex*" (**Vol XXXVI pI p319**) ghal konvinciment.

Gjaladarba ma giex sodisfacentement dimostrat li d-debitu kien inezistenti ma tistax lanqas titnissel bhala konsegwenza jew b'konvinzjoni l-prova tal-izball. Il-pagament li sar lill-konvenut jista' jitqies li kien l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni krejata fil-Ftehim Kollettiv. L-appellant ghalhekk kien, fil-fattispecje tal-kaz partikolari, intitolat li jircevi l-hlas u l-Korporazzjoni appellata kienet konvenzjonalment obbligata thallsu. Del resto wkoll il-Korporazzjoni lanqas kien ikollha jedd ta' azzjoni ghal hlas lura jekk dak li hallset kellu jinghata wkoll bis-sahha ta' obbligazzjoni naturali. (Art 1147 (2) tal-Kodici Civili) (Vol XXVIII pI p921; "**Frank Schembri –vs- George Scicluna**", Appell Civili, 24 ta' Ottubru 1975).

Maghdud ma' dan kollu hemm l-aspett l-iehor ravvizat fid-decizjoni citata a **Vol XLI pI p76** biex tirnexxi l-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu. Ma tistax il-Korporazzjoni attrici targomenta jew issostni, anke jekk tigi accettata l-verzjoni taghha tal-fatti, illi ma kenitx taf li ma kenitx tenuta ghall-hlas meta r-records kienu minn dejjem ghad-disposizzjoni taghha u hi kienet taf li ma kienux jezistu certifikati medici approvati mit-tobba taghha. Jirrizulta li l-Korporazzjoni zzomm lista tal-impjegati li jirraportaw li jkunu morda (xhieda ta' Angelo Farrugia, fol 33). Ic-certifikati medici jmorru ghand il-Personnel Section (xhieda Walter Gregory, fol 35) jinzammu f'log book (xhieda Joseph Mario Camenzuli, fol 37; Walter Gregory, fol 45), li fuq il-bazi ta' din l-informazzjoni mghoddija lill-Wages Section jsir il-hlas (xhieda Walter Gregory, fol 16.

Mill-assjem ta' dawn is-senjalazzjonijiet, abbinat mal-konsapevolezza tad-dettami fl-Artikolu 25 (10) tal-Ftehim Kollettiv, il-Qorti thossha sodisfatta li ma saritx il-prova kjave tal-izball fis-solvens, hekk rekwizit indispensabbli ghas-success tal-azzjoni tal-Korporazzjoni appellata. Konsegwentement ma kenitx tikkompeti lilha l-azzjoni ta' l-indebitu u ma tistax ghalhekk tezigi hlas lura ta' l-ammont li skond ir-raguni tat-talba taghha hi tghid li gie "indebitament" imhallas lill-impjegat konvenut f'din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-konvenuti qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata. In vista tal-komplessita' tal-kaz l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

Dep/Reg
cb